MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1108/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Reuben Schembri**
**Manuel Frank Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra:

**Reuben Schembri**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bin Francis u Dorothy neé Diacono, imwieled Pietà fit-13 ta' Awwissu 1983 u joqghod Blk 4, Flat 12, Triq id-Deheb Fin, Qormi (I.D. Nru. 449083(M))

[1] Dok. "DB 1" – *a fol.* 33.

u

**Manuel Frank Schembri**, ta' tmienja u tletin (38) sena, bin Gaetano u Lousaria neé Farrugia, imwieled Canada fl-1 ta' Jannar 1962 u joqghod 21, Sqaq id-Duluri No. 1, Hamrun jew 68 Triq l-Assunta Marsa (I.D. Nru. 203092(M))

akkuzati talli fl-1 ta' Frar 2010 ghall-habta ta' 1pm fi Triq Giovanni Barbara, Hamrun:

1. volontarjament kisru il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

2. hebbew ghal Henry Cassar u ikkagunawlu griehi ta' natura gravi skond ma certifika Dr. David Cauchi MD.

Il-Qorti giet mitluba, meta jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Henry Cassar jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Reuben Schembri u lil Manuel Frank Schembri b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' somma flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 144) datata 5 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

a. fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c.fl-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-28 ta' Frar 2013 (*a fol.* 146), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-5 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 144), f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-parti leza.

Semghet lill-imputati jixhdu minn jeddhom u b'mod volontarju.

Rat l-imputati ma ressqux aktar provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali da parti tal-Prosekuzzjoni, tal-*parte civile* u tad-difiza (*a fol.* 182 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti kif preseduta giet assenjata l-kawza fl-ismijiet fuq premessi, il-kawza kienet assenjata quddiem Qorti ohra diversament preseduta li fit-30 ta' Settembru 2011 (*a fol.* 24 *et seq.*) tali Qorti diversament presduta, ddegretat is-segwenti:

> "In vista li mill-premess jidher li dan il-kaz hemm involut delitt li joltrepassa l-kompetenza ta' din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali. Tordna li l-istess atti jintbaghtu lir-Registratur Qrati Kriminali sabiex l-istess kaz jigi assenjat lill-Qorti ohra bhala wahda Struttorja u ssir il-kumpilazzjoni".

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012, xehed **Dr. Andrea Baldacchino** (*a fol.* 37 *et seq.*) fejn qal li fl-1 ta' Frar 2010 wara nofsinhar kien ra lill-parti leza Henry Cassar. Jghid li kellu qata' ta' madwar erba' millimetri fuq l-*eyebrow* tax-xellug u qata' ohra superficjali fuq in-naha ta' isfel. Jghid li kellu wkoll nefha u tbengil madwar ghajnejh. Jghid li hass li kellu jghaddi lill-parti leza ghand specjalista peress setghu jinholqu kumplikazzjonijiet ohra. Meta gie mitlub jara l-parti leza prezenti fl-awla, jghid li ma kien qed jara l-ebda marka. Ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 40).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2012, xehed **PS 601 Justin Spiteri** (*a fol.* 46 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JS 1" (*a fol.* 49 *et seq.*)[2]. Huwa qal li fl-1 ta' Frar 2010 ghal xi 3.00pm il-parti leza mar l-Ghassa flimkien mal-mara tieghu, liema parti leza kellu griehi f'wiccu fejn ghajnejh. Spjega x'qallu l-parti leza in segwitu ta' liema baghat ghaz-zewg imputati. Jghid li l-parti leza qallu li waqa' u habat wiccu. Jghid li skond Manuel Frank Schembri, Manuel Frank Schembri fl-ebda hin ma agredixxa lil Henry Cassar. Jghid li ma qallux li ra lil ibnu jimbotta lill-parti leza.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2012, xehed ukoll **Henry Cassar** (*a fol.* 53 *et seq.*) fejn beda billi qal li kien hemm kwistjoni rigward post li Reuben Schembri u certu Lourdes Falzon (li tigi t-tifla ta' ohtu Connie) kienu jghixu fih u riedu jixtruh. Jghid li meta xtara l-post, Reuben u Lourdes kienu diga jghixu fih u li huma kienu jhallsuh fix-xahar. Spjega li ried ibiegh il-post u li ta hafna cans lil Reuben u Lourdes biex isibu post iehor. Jghid li l-ftehim ma' Reuben Schembri kien verbali. Jispjega li Reuben Schembri ma riedx johrog mill-post ghal ebda raguni. Jixhed li fl-1 ta' Frar 2010 Reuben Schembri mar go daru u ppruvaw jiftehmu u wara li hareg il-barra, semgha lil martu twerzaq u tghajjat u x'hin hareg ra li kien hemm missier Reuben ukoll u xi hadd iehor bl-isem ta' Ninu. Jghid: *"Reuben x'hin rani telaq lil mara u gie fuqi, ma nafx kemm il-daqqa ta' ponn tani, xi haddiehor gibidni minn saqajja u kaxkarni t-tarag, hemm xi tmien targiet, u safrattant kif kont wicci 'l fuq tawni wkoll bis-sieq"* (*a fol.* 54-55).

Minhabba raguni teknika, id-depozizzjoni ta' Henry Cassar tkompliet fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 64 *et seq.*). Jghid li kif sema' l-ghajjat ta' martu, mar hdejn martu u kif rawh qabzu fuqu t-tlieta. Jghid li tnejn minnhom kienu z-zewg imputati u l-iehor kien hu missier Reuben. Jghid: *"Billi Reuben beda jtini bil-ponn fuq ghajnejja, dak li qed insemmi jien gibidni minn saqajja u kaxkarni u xi hadd minnhom beda jtini bis-sieq fuq genbejja"* (*a fol.* 64). Jghid li l-ewwel kuntatt mieghu sar fl-indana (li tinsab tmien targiet mill-*ground floor*) qabel gie mkaxkar it-tarag. Jispjega li spicca isfel nett ghax xi hadd kaxkru minn saqajh u gibdu. Jghid li f'dan il-hin kien qed jaqla' daqqiet minn Reuben b'idejh it-tnejn. Jghid li minn jeddhom qabdu u telquh ezatt wara l-bieb ta' barra tal-appartamenti. Jghid li nstab li kellu *fracture* f'imniehru u kien qed jilmenta minn *double vision*. Jghid li qalulu li hemm possibilita' li jibqa' hekk sal-mewt. Ghamel riferenza lejn ghajnejh ix-xellugija. Jghid li ghajnejh ix-xellugija minn dejjem kienet aktar baxxa mill-ohra. Ix-xhud indika l-punti fuq mohhu li qalulu li ser jibqa' bihom bhala sfregju u li hemm cans li ser jibqa' bid-dizabilita' rigward id-difett fil-vista wkoll.

**Henry Cassar** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013 (*a fol.* 148 *et seq.*) fejn qal li kien ghadu sa dakinhar ibghati minn *double vision*. Jghid li jkollu wkoll *blurred vision*. Jghid li kien hemm zmien fejn kien johroglu d-demm minhabba li kellu *fractured bone* fl-orbita tal-ghajn.

---

[2] Dan ir-rapport huwa l-istess rapport li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JB 1" (*a fol.* 99 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012, xehdet **Filomena Monsigneur** (*a fol.* 60 *et seq.*) li qalet li tghix fl-istess blokka ta' appartamenti li jghix fih il-parti leza. Tghid: *"smajt lil Monica qisha tghajjat jew ghajjut jew halluh, ma tajtx kaz"* (*a fol.* 60). Tispjega li harget tittawwal fl-indana u rat lil xi rgiel (jew tnejn jew tlieta) jkaxkru lill-parti leza fit-tarag, l-ahhar hames targiet sal-bieb ta' barra (tal-blokka). Tghid li bdew jghajjtu u semghet lill-parti leza jghajjat biex ihalluh. Tghid li rat li kien hemm xi demm fit-tarag. Tghid li d-demm li kien hemm fit-tarag gie minn ghajn ix-xellug tal-parti leza. Tixhed li l-irgiel telqu malli waslu mal-bieb ta' barra.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012, xehdet ukoll **Monica Cassar** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li hija l-mara tal-parti leza. Tghid li xi hin marru Reuben Schembri u Christopher Falzon (hu l-*partner* tieghu) biex ikellmu lil zewgha. Jghid li dahlu gewwa u hin minnhom mar missier Reuben, l-imputat l-iehor Manuel. Tghid li qalet lill-imputat Manuel biex jibqa' isfel. Tghid: *"Reuben sadanittant qieghed hdejja fil-komun ta' l-flat u qalli ma tghidlu xejn, ipponta subghajh lejn wicci tliet darbiet u l-ahhar wahda mess imniehri. Ghidtlu tghajjatx, ghidltu u ara ma tmiddx idejk fuqi. F'daqqa wahda xejjirli daqqa ta' ponn hekk tghaddi zbrixx minn din in-naha"* (*a fol.* 70). Tghid li bdiet tghajjat lil zewgha Henry, u Reuben tela' jigri t-tarag, Manuel baqa' ma dahalx. Tghid li f'daqqa wahda rat lil Henry mal-art b'Reuben irkopptejh fuqu. Tghid li Falzon ma ghamel xejn pero Manuel u persuna ohra ma tafux dahlu gewwa. Tghid li rat lil Reuben jaghti daqqiet ta' ponn lil zewgha Henry u li l-aggressjoni bdiet wara l-bieb tal-*flat* taghha fl-indana u spiccat hdejn il-bieb ta' barra. Tghid: *"Rajthom fuqu ifhimni, jien fl-istess hin ghadni ma' l-art ghax li gara in split of a second. U anka huhom l-iehor rajtu ikaxkru l-ahhar wahda hu ma' l-art, habbattlu rasu ma' l-bieb ta' barra"* (*a fol.* 71). Tixhed li t-tarag spicca kollu demm. Tghid li zewgha Henry ghandu marka f'wiccu fuq mohhu. Ikkonfermat li zewgha Henry sofra l-griehi li jidhru fuqu f'ritratti li jinsabu *a fol.* 17.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, xehdet **Lourdes Falzon** (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn qalet li filwaqt li l-parti leza jigi z-ziju taghha, l-imputat Reuben huwa l-gharus taghha u l-imputat l-iehor huwa missieru. Tghid li filwaqt li fl-1 ta' Frar 2010 l-imputat u l-gharus taghha kienu gew f'xulxin, fil-5 ta' Frar kien sar kuntratt. Tispjega li l-post xtratu hi. Tixhed li dakinhar tal-1 ta' Frar 2010 meta marret fuq il-post sabet lil Reuben, Manuel Frank u huha Chris Falzon faccata tad-dar u li Reuben qalilha biex jitilqu. Tghid li meta marru d-dar, Reuben qalilha li kienet nizlet iz-zija Monica u xejritlu daqqa u hu mbuttaha biex izommha, imbaghad nizel Henry ixejjer biex ihebb ghalih.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li ma rat xejn mill-incident li fih kien involut zijuha l-parti leza ghax ma kienitx prezenti. Tghid li dakinhar tal-akkadut fl-ebda hin ma rat lil zijuha Henry u liz-zija taghha Monica.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Christopher Falzon** (*a fol.* 84 *et seq.*) fejn qal li fl-1 ta' Frar 2010 zijuh il-parti leza Cassar cempel lil ommu u qalilha li ried ikellem lil ohtu Lourdes Falzon. Jghid li hu kien ghand il-mekkanik flimkien ma' Reuben, l-gharus ta' Lourdes. Jghid li meta marru ghand zijuh Henry, Reuben ma kienx qed jaqbel fuq dak li bdew jitkellmu fuqu peress li zijuh talbu ghaxart'elef zieda ohra fuq il-post biex jiffirmalu l-kuntratt. Jghid: *"Ahna u nezlin kien hemm iz-zija*

*Monica isfel u lil Reuben qaltlu "ghadkom ma hlistuhiex intom", riedet tirreferi ghal ohti u ghal Reuben. U fil-pront taghthielu go wiccu lil Reuben, u Reuben imbuttaha"* (*a fol.* 84). Jghid li zitu ghajtet ghal Henry li gie minn fuq u xejjer bil-ponn ghal Reuben. Jghid li kienu hu u Reuben biss. Jispjega: *"Nizel iz-ziju Henry jiggieled ma' Reuben, xejjer bil-ponn ghal Reuben u waqghu, ghax Reuben hatfu mieghu u waqghu, u z-ziju habat wiccu ma' t-targa ghax waqghu fit-targa"* (*a fol.* 84). Jghid li hu (Falzon) beda jferraqhom, mar missier Reuben ghax kien ghaddej bil-vettura minn hemm. Jghid li kif hargu l-barra, waslet ohtu Lourdes.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed **Dr. David Cauchi** (*a fol.* 94 *et seq.*) fejn qal li fl-1 ta' Frar 2010 kien ezamina lil Henry Cassar fejn qal li kellu tbengil f'ghajnejh ix-xellugija u kellu qasma zghira hafna taht l-imsemmija ghajn. Ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "DC 1" (*a fol.* 96). Jghid li bhala kumplikazzjonijiet seta' kien hemm pero hu ma jafx bihom peress li ma baqax isegwi l-kaz.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **PC 1286 Joe Bondin** (*a fol.* 97 *et seq.*) fejn qal li huwa ghin sabiex isir ir-rapport li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JB 1" (*a fol.* 99 *et seq.*).[3]

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, il-konsulent legali tal-parti leza talab li jsir konfront bejn Filomena Monsigneur u Christopher Falzon, liema konfront sar fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012 (*a fol.* 103 *et seq.*). Monsigneur qalet li l-ewwel ma semghet kien lil Monica Cassar (il-mara tal-parti leza) tghajjat ghall-ghajjut u tghajjat ukoll: *"halluh"* (*a fol.* 103). Tghid li hekk kif harget tittawwal semghet lil parte leza jghid *"halluni, halluni"* u rat zewg minn nies ikaxkruh it-tarag (*a fol.* 104). Tghid li kif waslu hdejn il-bieb ta' barra, telquh u rat lill-parti leza wiccu kollu demm. Mistoqsija tghid jekk ratx il-wicc tan-nies li kienu kaxkru lill-parti leza, wiegbet fin-negattiv. Da parte tieghu, Falzon jghid li ra lil zijuh Henry Cassar hiereg jiggieled ma' Reuben Schembri u fil-pront Reuben hatfu mieghu u waqghu u habat wiccu mat-targa. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi hadd qed ikaxkar lil zijuh, wiegeb fin-negattiv. Monsigneur ikkonfermat li hija rat lil Henry Cassar jitkaxkar nezlin bih it-tarag. Meta Falzon gie mistoqsi jghid jekk hu rax dak li semmiet Monsigneur rigward it-tarag, wiegeb fin-negattiv. Jghid li ma rahiex. Jghid: *"Iz-ziju nizel ixejjer bil-ponn ghal Reuben. Hatfu mieghu u waqghu mat-targa"* (*a fol.* 105).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **Martin Schembri** (*a fol.* 106 *et seq.*) li qal li hu jigi hu l-imputat Manuel Frank Schembri. Jghid li huh kien mieghu u li hu (Martin) kien qed jirranga xi hsara li kellu fil-kamra tal-banju u li huh l-imputat kien qed jghinu. Jghid li riedu jixtru xi *fittings* u marru jixtru, raw il-vettura ta' Reuben Schembri pparkjata, waqfu u rawhom fil-parapett. Jghid li kien hemm xi argument bejn Reuben Schembri u s-sinjura li toqghod fil-blokka. Jghid li l-incident gara meta huh u hu kienu d-dar.

[3] Dan ir-rapport huwa l-istess rapport li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JS 1" (*a fol.* 49 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Daryl Borg** (*a fol.* 108) fejn ezebixxa xi dokumenti li gew immarkati minn Dok. "DB 1" sa "DB 4" (*a fol.* 110 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 121) in esekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012. Jghid li ezamina lil Henry Cassar fl-1 ta' Novembru 2012. Jghid li osserva li Cassar kellu ghajn baxxa pero jghid li l-istess Cassar qallu li din kien biha mit-twelid. Jghid li Cassar qallu li kellu fratturi tal-ghadam ta' wiccu, pero meta hu (Dr. Scerri) ra l-*x-rays* mill-iSptar, ma ra l-ebda fratturi fil-wicc, fl-imnieher u fl-ebda parti tar-ras. Jghid li Cassar kellu lacerazzjoni taht l-ghajn li ma baqghetx tidher pero kellu cikatrici fuq l-angolu medjali ta' l-ghajn tax-xellug li tidher minn *talking distance* pero jghid li mhix daqshekk konspikwa. Jghid li din ic-cikatrici hija rizultat ta' lacerazzjoni li giet maghmula minn *blunt trauma*, minn strument li ma jaqtax u bla ponta bhal ma hija daqqa ta' ponn. Jghid li din tidher minimament minn *talking distance*. Jispjega li l-parti leza jilmenta minn *double vision* meta jhares mill-orizzontali 'l fuq izda jghid li imkien ma sab l-ebda rizultati jew testijiet ta' *ophthalmologist*. Rigward dan l-ilment, jghid li xjentifikament m'hemm xejn pruvat. Ir-relazzjoni tieghu giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "MS 1" (*a fol.* 123 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013, xehed **Dr. Jan Janula** (*a fol.* 156 *et seq.*) fejn qal li huwa jaf lill-parti leza meta dan kien mar ghandu jilmenta minn *double vision*. Jghid li ra l-history tal-parti leza u ra li fl-2010 l-pari leza kien garrab griehi fl-ghajn tal-lemin u li minn dak inhar kien jilmenta minn *double vision*. Jghid li l-ahhar li ra lill-parti leza kien fil-5 ta' Gunju 2013 meta huwa rrilaxxa certifikat mediku li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JJ 1" (*a fol.* 158). Mistoqsi dwar l-istat tal-ghajn il-leminija tal-parti leza, jghid: *"His right eye actually is not bad, his visions is practically normal, only thing in certain days he sees double, if I remember right he looks up"* (*a fol.* 157).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed l-imputat **Reuben Schembri** (*a fol.* 160 *et seq.*) fejn qal li l-gharusa tieghu hija Lourdes Falzon, n-neputija tal-parti leza. Jixhed fuq dak li kienu ftehmu rigward ix-xiri ta' proprjeta' minn ghand il-parti leza. Jghid li mar id-dar tal-parti leza biex jaghtih xi pagament kif kienu ftehmu u li l-parti leza qallu li kellu jbiegh il-post in kwistjoni lil xi hadd. Jghid li hu (Reuben Schembri) baqa' jinsisti li ried il-post. Jghid li dak inhar tal-incident kien ghand il-mekkanik ma' Christopher Falzon, cemplitlu Lourdes u qaltlu li zijuha ried ikellimhom. Qal li hu mar ma' Christopher Falzon u li kien hemm Monica Cassar tiknes il-parapett ta' barra. Qal li x'hin marru hdejn il-parti leza, il-parti leza talbu ghaxart'elef ohra ma' l-imghax li tawh u hu (Reuben) qallu li issa kienu ser jiltaqghu l-Qorti. Jghid li lil Christopher Falzon qallu biex jitilqu l-barra, nizlu l-isfel, u Monica nizlet warajhom. Jghid li x'hin fetah il-bieb, Monica Cassar qabdet tghajjat u bdiet taghmel idejha ma' wiccu. Jghid li qalilha biex tnehhi jdejha u hi qaltlu li ma rieditx. Jghid li nehhielha jdejha u hi tatu daqqa ta' harta u mbuttaha. Jixhed li mbaghad hareg il-parti leza ixejjer minn fuq, nizel it-tarag u hu (Reuben) qabdu mill-flokk u mbuttah u waqa' fit-targa. Mistoqsi ghala mbuttah wiegeb ghax Cassar kien qed ixejjer bil-ponn. Jghid li ma riedx ikollu xi jghid mieghu, u qabdu mill-flokk u mbuttah. Jghid li Cassar habat wiccu mat-targa. Jghid li hu (Reuben) waqa' fuqu wkoll ghax gie fuqu

x’hin waqa’. Jghid li f’dan il-hin gie xi hadd u qallu biex johrog il-barra u dar u ra lil missieru u zijuh Martin. Jghid li f’dan il-hin waslet Lourdes li staqsietu x’kien gara u hu qalilha li kien ser jghidilha d-dar.

In kontro-ezami jghid li dakinhar tal-1 ta’ Frar 2010 il-post in kwistjoni kien jghajjat lil Henry Cassar. Jaqbel li l-incident gara fuq dizgwid minhabba l-proprjeta’. Jaqbel li jumejn wara li sar l-incident sar il-kuntratt fejn il-parti leza biegh l-appartament lil Lourdes Falzon. Jghid li hu ma sema lil hadd jghajjat ghall-ghajjut jew biex ihallu lil parti leza, kif qalet Monsigneur. Jghid li hu ma rahiex lil Monsingeur. Ma jaqbilx ma dak li qalet Monsigneur meta qalet li rat xi rgiel ikaxkru lill-parti leza. Jghid li hu (Schembri) waqa’ fuq il-parti leza. Jghid li hu ghandu ragun u mhux Monsigneur. Ma jaqbilx ma’ Monsigneur meta hija qalet li l-parti leza gie mkaxkar sal-bieb ta’ barra jigifieri minn fuq sa isfel tul it-tarag kollu u wara li l-parti leza beda jghidilhom biex ihalluh. Jghid li dakinhar tal-akkadut huwa ma nnutahomx il-griehi li sofra l-parti leza. Jghid li meta gie moghti daqqa ta’ harta, ma sofra l-ebda gerha. Mistoqsi jekk Monica Cassar ghamlitx xi haga tul dan il-hin, wiegeb li qabdet l-ixkupa u bdiet ixxejjer biha lilu u lill-missieru. Jghid li laqtitu go dahru u li din ma hallietx marka.

In ri-ezami jghid li qatt ma kellu intenzjoni li jiggieled ma’ Henry Cassar tant li qallu li issa kienu ser jiltaqghu l-Qorti.

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2013, xehed ukoll l-imputat **Manuel Frank Schembri** (*a fol.* 168 *et seq.*) fejn qal li huwa missier l-imputat Reuben Schembri. Jghid li dakinhar tal-incident huh Martin Schembri kellu xi hsara fil-kamra tal-banju u mar jghinu u fil-hin li kienu ser jixtru xi *fittings*, ra l-vettura ta’ ibnu, ra dik li huwa sejjah *“qisu tgegwigija zghira”*, nizlu mill-vettura, u lit-tifel qallu biex imorru l-hemm u hekk ghamlu. Jghid li fl-ebda hin ma kien fejn sehh l-argument. Mistoqsi fejn kien il-parti leza, jghid li ma setghax jara ghax hu (Manuel Frank) ha lil ibnu l-imputat minn fejn l-ghatba u telqu l-hemm.

In kontro-ezami meta saret riferenza ghal fatt li Monsigneur qalet li kien hemm zewgt’irgiel ikaxkru lill-parti leza, jghid li hu ma kienx hemm u anqas huh. Jghid li mhux veru kellu xi involviment fl-argument ghax hu ma kienx prezenti. Jghid li l-incident ma rahx. Jichad li hu kien wiehed miz-zewg persuni. Ma jafx x’ghamel ibnu. Ma jafx xi gralu l-parti leza. Ma jafx lanqas x’ghamlet Monica Cassar lil ibnu.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li kien hemm xi dizgwid rigward x’kellu jsir mill-proprjeta’ tal-parti leza li fiha kienu joqghodu l-imputat Reuben Schembri u Lourdes Falzon. L-imputati jinsabu akkuzati

li kisru l-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u li kkawzaw griehi ta' natura gravi lill-parti leza Cassar.

Illi qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputati jkun opportun li l-Qorti l-ewwel taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward min kien prezenti waqt l-argument in kwistjoni u dana peress li l-Qorti ghandha s-segwenti xenarji quddiemha:

- Henry Cassar (*a fol.* 53 *et seq.*) jghid li wara li sema lil martu tghajjat ra li kien hemm iz-zewg imputati u hu missier Reuben Schembri. Jghid li Reuben tah diversi daqqiet u xi hadd gibdu minn saqajh u gie mkaxkar it-tarag.

- Filomena Monsigneur (*a fol.* 60 *et seq.*) tghid li rat xi rgiel (jew tnejn jew tlieta) ikaxkru lill-parti leza fit-tarag. Fil-konfront li sar bejnha u Christopher Falzon tghid li rat tnejn minn nies ikaxkru lill-parti leza t-tarag (*a fol.* 104). Tispecifika li fl-ebda hin ma rat wicc in-nies li kaxkru lil parti leza.

- Monica Cassar (*a fol.* 68 *et seq.*) qalet li fil-hin li Reuben Schembri u Christopher Falzon kienu qed ikellmu lill-parti leza, mar l-imputat Manuel u qaltlu biex jibqa' isfel. Tghid li wara li Reuben Schembri pponta subghajh lejn wiccha u messilha mnehierha, ghajjtet lil zewgha Henry, Reuben tela' jigri t-tarag, u Manuel baqa' ma dahalx. Tghid li Falzon ma ghamel xejn pero Manuel u persuna ohra ma tafux dahlu. Tghid li rat lil Reuben jaghti daqqiet ta' ponn lil zewgha Henry.

- Lourdes Falzon (*a fol.* 77 *et seq.*) ma rat xejn mill-incident li fih kien involut zijuha l-parti leza ghax ma kienitx prezenti.

- Christopher Falzon (*a fol.* 84 *et seq.*) jghid li fil-hin tal-argument kienu hu u l-imputat Reuben biss.

- Martin Schembri (*a fol.* 106 *et seq.*) jghid li huh l-imputat Manuel Frank Schembri u hu ma kienux prezenti meta sehh l-akkadut.

- Reuben Schembri (*a fol.* 160 *et seq.*) jghid li fil-hin li marru missieru Manuel u zijuh Martin u qalulu biex johrog il-barra, waslet ukoll Lourdes.

- Manuel Frank Schembri (*a fol.* 168 *et seq.*) jixhed li hu fl-ebda hin ma kien fejn sehh l-argument.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqsekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, filwaqt li jirrizulta mhux kontestat li l-imputat Reuben Schembri kien prezenti ghall-akkadut, ma jirrizultax sodisfacentement pruvat jekk l-imputat Manuel Frank Schembri kienx effettivament prezenti jew le. Ghajr ghad-depozizzjonijiet tal-parti leza u ta' martu, li ndikaw li l-imputat Manuel Frank Schembri kien prezenti waqt l-argument, ix-xhieda l-ohra kollha jichdu dan. Da parte taghha, Filomena Monsigneur ma identifikatx lill-imputat Manuel Frank Schembri. Hija tghid li ma ratx il-wicc tal-persuni li kaxkru t-tarag lill-parti leza. <u>Ghaldaqstant, ma jirrizultax stabbilit lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat Manuel Frank Schembri kien prezenti meta sehh l-akkadut u b'hekk l-imputat Manuel Frank Schembri ser jigi liberat miz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.</u>

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat Reuben Schembri, il-Qorti ser tibda billi taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-akkuza ta' griehi ta' natura gravi.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-Qorti ghandha l-ewwel tara jekk effettivament l-imputat Reuben Schembri kkawzax xi griehi fuq il-parti leza u, jekk dan ikun il-kaz, wara tara jekk dawn il-griehi kienux gravi jew le. Minkejja l-fatt li Henry Cassar (*a fol.* 53 *et seq.*) jghid li ma jafx minn kaxkru t-tarag u minkejja li jghid li kif kienu wicc 'l fuq gie moghti wkoll bis-sieq, minghajr ma jghid min, Cassar jghid ukoll li hekk kif l-imputat Reuben Schembri rah, wara li hu (Cassar) hareg minhabba li kien sema l-ghajjat ta' martu, Reuben Schembri telaq lil martu u mar fuqu (fuq Cassar) u tah diversi daqqiet ta' ponn. Jispecifika (*a fol.* 64 *et seq.*) li Reuben Schembri beda jaghtih bil-ponn fuq ghajnejh. Jghid ukoll li fil-hin li spicca mkaxkar isfel nett beda jaqla' daqqiet minn Reuben b'idejh it-tnejn. Anke Monica Cassar (*a fol.* 68 *et seq.*) spjegat kif f'daqqa wahda rat il-parti leza mal-art b'Reuben Schembri b'irkopptejh fuqu. Hi spjegat ukoll li rat lil Reuben Schembri jaghti daqqiet ta' ponn lil zewgha Henry.

Illi *da parte* tieghu Christopher Falzon (*a fol.* 84 *et seq.*) jghid li l-parti leza nizel ixejjer bil-ponn ghal Reuben Schembri u hekk kif l-imputat Reuben Schembri hataf lill-parti leza mieghu huma waqghu u l-parti leza spicca habat wiccu mat-targa. L-imputat Reuben Schembri (*a fol.* 160 *et seq.*) jispjega kif il-parti leza nizel it-tarag ixejjer bil-ponn u minhabba f'hekk hu (Reuben) qabdu mill-flokk u mbuttah u waqa' fit-targa.

Illi fid-depozizzjoni tieghu, Dr. Mario Scerri (*a fol.* 121) jixhed li l-parti leza kellu cikatrici fuq l-angolu medjali ta' l-ghajn tax-xellug liema cikatrici jghid li hija rizultat ta' lacerazzjoni li giet maghmula minn *blunt trauma*, minn strument li ma jaqtax u bla ponta bhal ma hija daqqa ta' ponn.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzjoni illi x-xiehda moghtija mill-parti leza u martu, meta qalu li l-imputat Reuben Schembri kien ta daqqiet ta' ponn lill-parti leza, hija aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tal-parti leza u tax-xhieda fuq imsemmija fuq il-pedana tax-xhud, u dak li huma xehdu, u kif ukoll b'mod partikolari dak li xehed Dr. Mario Scerri.

Illi ghaldaqstant il-Qorti jirrizultalha li l-imputat Reuben Schembri kkawza griehi fuq il-persuna tal-parti leza. L-imputat Reuben Schembri jinsab akkuzat li kkawza griehi ta' natura gravi fir-rigward tal-parti leza. Da parte tieghu, il-parti leza Henry Cassar (*a fol.* 53 *et seq.*) jallega li nstab li kellu *fracture* f'imniehru u lmenta wkoll minn *double vision*. Huwa ghamel riferenza lejn ghajnejh ix-xellugija u qal

li ghajnejh ix-xellugija minn dejjem kienet aktar baxxa mill-ohra. Il-parti leza lmenta li gie nfurmat li l-punti fuq mohhu kien ser jibqa' bihom bhala sfregju u li hemm cans li ser jibqa' bid-dizabilita' rigward id-difett fil-vista wkoll.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Dr. Andrea Baldacchino (*a fol.* 37 *et seq.*) ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 40). Jghid li l-parti leza kellu qata' ta' madwar erba' millimetri fuq l-*eyebrow* tax-xellug u qata' ohra superficjali fuq in-naha ta' isfel. Jghid li kellu wkoll nefha u tbengil madwar ghajnejh. Meta gie mitlub jara l-parti leza prezenti fl-awla, jghid li ma kien qed jara l-ebda marka.

- Dr. David Cauchi (*a fol.* 94 *et seq.*) ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "DC 1" (*a fol.* 96) f'liema certifikat jirrizulta li l-griehi sofferti mill-parti leza kienu hfief.

- Dr. Mario Scerri (*a fol.* 121), filwaqt li jghid li hu ma ra l-ebda fratturi fil-wicc, fl-imnieher u fl-ebda parti tar-ras tal-parti leza, jghid ukoll li Cassar kellu lacerazzjoni taht l-ghajn li ma baqghetx tidher pero kellu cikatrici fuq l-angolu medjali ta' l-ghajn tax-xellug li tidher minn *talking distance* pero jghid li mhix daqshekk konspikwa. Rigward l-ilment tal-parti leza li kellu *double vision* jghid li ma sab l-ebda rizultati jew testijiet ta' optalmologu.

- Fid-depozizzjoni tieghu Dr. Jan Janula (*a fol.* 156 *et seq.*) jaghmel riferenza ghall-ghajn tal-lemin tal-imputat (u mhux ghal dik tax-xellug!). Jghid biss li l-parti leza beda jilmenta minn *double* vision wara l-incident li kellu fl-2010.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li gew kagunati griehi ta' natura gravi fuq il-parti leza pero jirrizulta li gew kagunati <u>biss</u> griehi ta' natura hafifa u abbazi tal-principju *il piu' comprende il meno*, il-Qorti jidrilha li ghandha tinstab htija tal-imputat Reuben Schembri talli kkaguna offiza ta' natura hafifa.

Ghaldaqstant, l-imputat Reuben Schembri ser jigi misjub hati biss li kkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-parti leza.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li l-imputat Manuel Frank Schembri ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, l-imputat Reuben Schembri ser jigi misjub hati taghhom pero fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni ser jigi misjub hati biss talli kkaguna griehi ta' natura hafifa fir-rigward tal-parti leza Cassar.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat Reuben Schembri, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat u li gew pruvati, u kif ukoll il-fedina penali (Dok. "DB 4" – *a fol.* 115 *et seq.*) tal-imputat Reuben Schembri. Il-Qorti hija tal-fehma li dak li gara setgha kellu konsegwenzi ferm aktar serji u temmen li l-vjolenza qatt m'ghandha tigi tollerata. Il-Qorti hija tal-fehma wkoll li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat Reuben Schembri fil-kaz odjern ghandha tkun dik tal-multa li tkun aktar lejn il-massimu taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat Manuel Frank Schembri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-5 ta' Dicembru 2012 b'mod partikolari Artikoli 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat ukoll Artikolu 221(1) tal-istess Kapitolu 9, issib lill-imputat Reuben Schembri hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll tar-reat minuri kompriz u involut fit-tieni (2) imputazzjoni (u cioé ta' offiza hafifa fuq il-persuna ta' Henry Cassar) u tikkundannah multa komplessiva ta' elf Euro (€1000.00).

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati Reuben Schembri b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000.00) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Henry Cassar.

Finalment, il-Qorti mhijiex ser tordna li l-imputat Reuben Schembri jhallas l-ispejjez tal-espert Dr. Mario Scerri u dana in vista tal-konkluzjonijiet raggunti minnu u in vista tad-depozizzjoni moghtija minnu u kif ukoll minhabba l-fatt li Dr. Mario Scerri gie nominat fuq talba tal-parti leza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------